MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

## ONOR. IMHALLEF GALEA DEBONO JOSEPH

Seduta ta' 06 ta' Novembru, 2002

Appell Kriminali Numru. 175/2002

Il-Pulizija
(Spettur S. Valletta)
Vs
Kristian George Abela

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Struttorja talli ;

a) Fi triq Gardiel, Wied il-Ghajn, nhar l-24 ta' Frar, 2001, ghall-habta tal-11.30 p.m., permezz ta' strument li jaqta jew iniggez, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Melchior Grech, liema offiza giet maghmula b'ferita li dahhlet f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem, skond kif gie ccertifikat mit-Tabib Nikolai Briffa MD ta' l-Isptar San Luqa ;

b) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra persuna, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta u bil-ponta ;

c) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, zamm u garr arma li taqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-17 ta' Lulju 2002, li biha wara li rat l-artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 17 (b) (h), 20, 22, 23, 28A, 223, 224 tal-Kap 9, Art. 3, 13, 19, 23, 25, 26, 27 tal-Kap 66 u kkundannatu ghal 4 xhur prigunerija sospizi ghal sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-29 ta' Lulju, 2002, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza u minflok tilliberah minn kull htija w piena jew inkella tvarja u tirriforma l-istess sentenza billi filwaqt li tikkonfermha fil-parti fejn sabitu hati, benche sal-lum l-esponent ghadu mhux edott pjenement minn din il-parti, tvarja fil-parti fejn ikkundannatu ghall-piena msemmija.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 t'Ottubru, 2002, li bih Dr. Jose' Herrera ddikjara li , issa li jaf ezatt il-kontenut tas-sentenza , qed jirriunzja ghall-parti tal-appell tieghu li tirrigwarda l-mertu tal-htija o meno tar-reat dedott kontra tieghu w jzomm ferm l-appell biss in kwantu talab ir-riforma tas-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda l-piena, ma liema verbal il-Prosekutur , Dr. Tonna Lowell aderixxa

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena fl-istess seduta;

Rat illi l-aggravju dwar il-piena jikkonsisti fil-qosor fis-segwenti w cioe‘ li din kienet wahda eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi .

Ikkonsidrat ;

Illi kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti , din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tindahalx fid-diskrezzjoni li tkun adoperat l-Ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-piena sakemm din ma tohrogx barra mill-parametri tal-ligi jew tkun manifestament sproporzjonata jew esagerata.

Illi fil-kaz in ezami l-appellant instab hati li kkaguna feriti ta’ natura gravi li ppenetrat wahda mill-kavitajiet tal-gisem - dik toracika - b’arma li taqta’ u li tnigges u li kien qed igorr tali arma minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija , pero’ bl-attenwanti tal-legittima difeza tieghu stess u ta’ zewg tfajliet , f’ liema difeza pero’ huwa ecceda l-limiti . Illi skond l-artikolu 217 tal-Kap.9 , l-offiza gravi hija punibbli bil-prigunerija minn hames xhur sa erba snin jekk tigi maghmula bi strument li jaqta’ jew iniggez. Umbaghad skond l-art. 227 (d) , 230 (d) u 233 (1) (a) meta jkun hemm l-eccezz tal-legittima difeza fil-kaz t’ offiza gravi l-hati jehel mhux aktar mit-terz tal-piena stabilita ghad-delitt minghajr skuza w cioe‘ f‘dan il-kaz il-piena karcerarja massima kienet tkun ta‘ sittax il-xahar u cioe‘ terz tal-48 xahar massimu u dana biss ghar-reat principali minghajr ma wiehed joqghod iqis il-konkors tal-pieni minhabba r-reati l-ohra li taghhom l-appellant instab hati fis-sentenza appellata . Ghalhekk meta l-Ewwel Qorti applikat piena ta’ erba xhur habs sospizi ghal sena , kienet nizlet aktar mill-minimu ta’ hames xhur ghar-reat bla skuza u ferm u ferm inqas mit-terz tal-massimu ghar-reat principali . Anzi applikat kwart tal-massimu applikabbli ghar-reat principali wahdu fic-cirkostanzi. Ghalhekk zgur li l-piena per se ma kienetx tohrog mill-parametri legali .

Illi ghar-rigward tal-prejokkupazzjoni espressa mill-abbli difensur dwar li tali kundanna ser tibqa’ tidher fil-kondotta tal-appellant , kif tajjeb osserrva l-abbli prosekutur jista’ jkun hemm rimedju ghal dan skond l-art. 8 (a) u (b) tal-Kap. 77 tal-Ligijiet ta’ Malta u din il-Qorti jidrilha li f’dan il-kaz ghandha proprju tapplika tali rimedju stante li l-appellant ma kienx ghadu ghalaq il-wiehed u ghoxrin sena meta kkommetta d-delitti li taghhom hu instab hati u stante li jidhrilha li hu sewwa li ghandha hekk tordna meta jittiehed qies tax-xorta tad-delitti , tac-cirkostanzi li fihom gew maghmula u tal-kondotta tal-appellant .

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata , b’dana pero’ li qed tordna a tenur tal-art. 8 tal-Kap.77 li l-kundanna li inghatat

kontra l-appellant mill-Ewwel Qorti ma tigix imnizzla fic-certifikat tal-kondotta tal-istess appellant .

(ft) Joseph G. Galea Debono
6.11.02.

Paul Miruzzi
Assistent Registratur